MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2008

Numru. 840/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Michael Mallia)**
**(Spettur Spiridione Zammit)**

**vs**

**Simeon Muscat ta' 38 sena, iben Francis u Joan nee` Pace, mwieled Pieta` fit-30 ta' Gunju 1970, residenti fil-fond 203, Triq Stiefnu Zerafa, Marsa u detentur tal-karta ta' l-identita` bin-numru 361570M**

Il-Qorti;

Rat l-akkuza kif migjuba fil-konfront ta' l-imputat u cioe talli fix-xahar ta' Mejju 2008 f'xi hin wara nofsinhar f'Rahal Gdid, ikkommetta serq ta' pittura religjuza li l-valur taghha jaccedi s-somma ta' €2330 (elf lira Maltin) minn go Kappella sitwata fil-konfini tac-cimiterju ta' l-Addolorata,

liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz bil-valur u bil-lok, u li sar ghad-dannu tal-propjetarji.

Rat d-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuza migjuba fil-konfront tieghu liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess.
Ikkonsidrat;

Illi fid-dawl tal-provi migjuba u fid-dawl tal-ammissjoni maghmulha mill-imputat il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati ta' l-akkuza migjuba fil-konfront tieghu biss madanakollu bl-aggravju tal-valur u tal-lok peress illi l-aggravju tal-mezz gie irtirat mill-pulizija.

Illi dwar piena l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmulha mill-imputat, il-fedina penali nadifa tieghu u fuq kollox il-fatt illi l-imputat ikkollabora bis-shih mal-pulizija, irritorna l-pittura misruqa liema pittura jidher li ma ghandha l-ebda hsara fiha kif anke jirrizulta minn Dok F esebit fl-atti.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 261(c)(e), 267 269, 279(b) u 280(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati ta' l-akkuza migjuba fil-konfront tieghu bl-aggravju tal-valur u l-lok biss, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn mill-lum.

Il-Qorti qed twissi lil hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul il-perjodu ta' liberazzjoni kundizzjonata.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza flimkien ma l-Atti tintbghat lill-Avukat Generali skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------